MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2008

Numru 272/2004

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

vs

Lewis Briffa
John Muscat
Roderick Aquilina
Owen John Carabott

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati ta' karta ta' identita' numru: 0452561(M), 0419270(M), 0272181(M) u 0567682(M) akkuzati talli:

a. nhar is-27 ta' Marzu, 2004 ghal habta tal-11:30p.m, fil-gnien ta' 'Lorry Sant', li jinsab fi Triq Joseph Stivala, Rahal Gdid minghajr il-hsieb li joqtlu jew iqeghdu l-hajja

ta’ Vincent Spiteri mill-Birgu, f’periklu car ikkagunawlu ferita ta’ natura gravi f’rasu, permezz ta’ flixkun u bil-persuna taghhom, fuq il-persuna ta’ l-istess Vincent Spiteri skond ma ccertifika Dr. Stephen Muscat M.D., liema ferita iggiblu debulizza permanenti, mankament jew sfreggju fir-ras u f’wiehed mis-subajn u dana bi ksur ta’ l-artikli 216 (1)(a) u 216(1)(b). tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi fil-hin tal-lejl gewwa Rahal Gdid, volontarjament kisru il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku bi ksur tal-artiklu 338(m) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

c. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qalu kliem oxxen, indecenti u dagha bi ksur ta’ l-artiklu 338 (bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

d. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi imbuttaw fit-triq lill-imsemmi Vincent Spiteri biex iweggghu jew jinsulentaw u dana bi ksur ta’ l-artiklu 339 (1) (L) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

e. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ingurjaw jew heddu lil Vincent Spiteri, meta pprovokati, b’mod li johrog li mil-limiti tal-provokazzjoni u dana bi ksur tal-artiklu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

f. Fl-istess lok, data, hin u cirkustanzi hebbew kontra l-persuna ta’ Marion Spiteri sabiex jingurjawha, idejjquha jew jaghmlu hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor u dana bi ksur ta’ l-artiklu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

g. Fl-istess lok, data, hin u cirkustanzi, xjentament, issoprimew jew b’xi mod iehor qerdu jew biddlu t-tracci jew l-indizzji tar-reat u dana bi ksur ta’ l-artiklu 111(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Kontra John Muscat maghruf bhala l-‘Froggy’ wahdu:

h. Fl-istess lok, data, hin u cirkustanzi, hedded bil-kliem lil Marion Spiteri li kien ser jaghtiha daqqtejn (xeba) jekk kienet ser tindahal fil-glieda kif ukoll hebb kontra l-persuna taghha sabiex jingurjha, idejjaqha jew jaghmel hsara lil din il-persuna 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

i. Fl-istess lok, data, hin u cirkustanzi, ghad illi kien xurban qal fil-pubbliku xi kliem oxxen u indicenti, jew

ghamel atti jew gesti oxxeni li joffendu l-moral, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika u dana bi ksur ta' l-artiklu 338 (bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Barra minn hekk talli John Muscat kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mill-11 ta' Settembru 2002.

Il-Qorti hi mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-ligi, tapplika ukoll l-artiklu 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' din il-persuna hawn fuq indikati.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

L-incident meritu l-kawza li jofri l-isfond ta' dawn il-proceduri hu li fil-gurnata u hin indikati fl-akkuza, iz-zewg kwerelanti, ossia Vincent Spiteri u Marion Spiteri, waqt li kienu mexjin lejn darhom mill-gnien 'Lorry Sant', gew inopportunati mill-imputati u l-imsemmi Vincent Spiteri rrejagixxa billi irrivolga lejhom dan il-kliem: 'mela qatt ma rajtu xi wahda'. Kien dan li ipprovoka r-rejazzjoni tal-imputati li kellha l-konsegwenza li l-kwerelant Vincent Spiteri kellu jircevi medikazzjoni ghall-feriti li sofra.

L-imputati huma akkuzati bir-reat li kkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tal-imsemmi Vincent Spiteri, kemm f'rasu u kemm f'wiehed minn subajh, skond l-artikolu 216 tal-Kap 9, u li issoprimew jew b'mod iehor

qerdu jew biddlu t-tracci jew l-indizji tar-reat, bi ksur tal-Artiklu 111(2) tal-istess Kap 9. L-akkuzi l-ohra huma kollha ta' natura kontravenzjonali izda hemm zewg akkuzi li jikkoncernaw lil wiehed mill-imputati wahdu, ossija John Muscat taht l-artikolu 399 (1)(d) tal-Kap 9 talli kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' Settembru 2002.

Ghal dak li huma l-offizi kontravenzjonali hemm numru minnhom li huma assorbiti fir-reati aktar 'il fuq indikati.

Mill-provi ghandu jirrizulta car l-offiza tal-ferita gravi f'wiehed mis-seba ta' Vincent Spiteri, izda mhux wkoll xi ferita gravi f'rasu, li fil-konfront taghha tirrizulta l-ferita hafifa, reat minuri, in aggunta ghall-offizi kontravenzjonali taht il-paragrafu (b), (c), (d) (e) u (f). Mill-bqija ma jirrizultax ir-reat prospettat fil-paragrafu (g). Jirrizulta però fil-konfront ta' dan l-imputat li kiser kundizzjoni imposta fuqu b'sentenza ta' din il-Qorti diversament proseduta u wkoll l-offiza kontravenzjonali. Mix-xhieda tal-kwerelanta Marion Spiteri, mhux kontradetta, jirrizulta li fost l-imputati kien principalment Lewis Briffa li ha l-aktar sehem attiv fl-aggressjoni u l-konvolgiment tal-imputati l-ohra kien f'sehem minuri izda li f'kull kas ghandhom wkoll jirrispondu kemm ghaliex ma jinstabx kontradett li taw bis-sieq lill-kwerelant, u li f'kull kaz ghad li kienu prezenti ma mpedewhx li r-reat isir u hallewh isir (Artikolu 45(c) Kap 9). Dwar il-ferita gravi l-Qorti hi tal-fehma li tinkwadra fl-Artiklu 216(2) tal-Kap 9.

Issib ghalhekk l-imputati hatja kif fuq indikat. Rat, ghal fini ta' piena, l-Artikolu 216, 221, 338(dd), 338(bb) u 339(1)(d) 17 tal-Kap 9. Wara li rriflettiet fuq is-sehem ta' kull imputat u rat il-fedina penali ta' kull wiehed u kkunsidrat li l-aggressjoni kienet innopportuna u maghmula minghajr ebda provokazzjoni, tikkundanna lill-imputati kif isegwi:

– lill-imputat Lewis Briffa multa u ammenda komplessiva ta' €465 (Lm200)
– lill-imputat John Muscat multa u ammenda komplessiva ta' €349 (Lm150)

– lill-imputati Roderick Aquilina u Owen John Carabott multa u ammenda komplessiva ta’ €233 (Lm100) kull wiehed.

Fil-komfront tal-imputat John Muscat din il-Qorti hadet il-qies tas-sentenza ta’ din il-Qorti differentament preseduta tal-11 ta’ Settembru 2002 u ikkonsidrat fir-rigward l-Artiklu 221(1), 221(1)(a), 31 u 338(dd) tal-Kap 9 u l-Artiklu 22(4) tal-Kap 446.

Tastjeni milli tapplika kontra l-imputati kemm il-provediment tal-Artikolu 383 u 533 tal-Kap 9 stante li fir-rigward l-ewwel ma ssibx li hemm raguni ghaliex tapplikah fil-konfront tat-tieni stante li ma jirrizultaw l-ebda spejjez inkorsi fin-nomina ta’ esperti fil-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------